*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 68**

**Il-Ħamis 15 ta' Frar 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Charlot Cassar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**68.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**68.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta apoloġija tas-Sur Charlot Cassar.

**68.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 67 tas-17 ta' Jannar 2018:</u>***

**68.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 3 artiklu 67.2.8 l-aħħar paragrafu għandu jinbidel u jsir kif ġej:

''Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi mil-flus li qed nirċievu minn fuq din l-iskema għandha ninvestu f'*cameras* ħalli naqsu ħafna abbużi.''

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**68.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-laqgħa li kellha ssir mal-ispettur tal-Pulizija saritx.

Is-Sindku qal illi għadhom ma sabux data alternattiva biex jiltaqgħu.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri daħal fis-18:00.***

**68.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 4 artiklu 67.2.13 jekk il-Kunsill sarx jaf min għamel ix-xogħol fuq il-bankina fiż-Żonqor housing estate.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kienu tal-GO u hu mar magħhom sabiex jara kif qed isir ix-xogħol u milli ra hu x-xogħol sar pulit. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fi Triq il-Blajjiet pero ix-xogħol ma sarx sew min naħa tal-WSC.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kull fejn jintmiss mill-ħaddiema tal-WSC it-toroq kollha niżlu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill għandu l-flus għal patching tat-toroq u għandhom jintużaw u jekk nħossu li x-xogħlijiet m'għandhomx isiru min naħa tagħna għandna nibgħatu lill-WSC sabiex jirranġaw il-ħsarat li għamlu. Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal illi fl-aħħar biċċa ta' Triq La Sengle it-triq niżlet u qeda ta periklu u hemm bżonn titranġa fl-iqsar zmien possibli.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'Marsaskala hawn disa tower cranes fil-preżent u dawn iġibu ħafna trakkijiet bix-xogħol li ma jgħinux is-sitwazzjoni tat-toroq f'Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi min ħdejn il-luzzu sa ħdejn Triq San Ġwakkin it-triq qiegħda kollha fi stat ħazin.

Kien hemm qbil unanimu illi nibgħatu l-aġenzija l-ġdida responsabbli mit-toroq u ninfurmawa bit-toroq li hemm bżonn isiru mill-ġdid f'Marsaskala, filwaqt li jsir patching fejn ikun hemm bżonn temporanjament.

**68.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-kontenituri tal-ħwejjeġ tmexxew hekk kif iddiskutew fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill u ġew ħafna aħjar milli fejn kienu.

**68.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 67.2.9 u qal illi din il-crash barrier għadha ma saritx.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu kellem lill-Koptasin diversi drabi fuqha pero minħabba l-problema li kellhom jmexxu l-istores għal post ieħor għadhom ma settiljawx u allura waqgħu lura bix-xogħlijiet.

**68.3** **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**68.3.1** **<u>Rigward it-tender tal-Perit William Lewis u l-bini tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wasalna biex nibdew it-tender tal-bini tal-Kunsill u lbieraħ sar land survey fi ġnen Sant'Anna u l-pass li jmiss hu li jiltaqa mall-Perit William Lewis u ELC fuq il-post sabiex jistabilixxu liema pjanti ser jiġu mneħħija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb naraw il-connections tad-drenaġġ li għaddejjien minn taħt l-art fejn qiegħdin eżatt.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi dan hu parti mix-xogħol li jsir min naħa tal-Perit.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi hu ħareġ żewġ tenders fejn wieħed hu fuq manutenzjoni ta' bankini u ħitan u t-tender l-ieħor huwa tal-Perit. Hu qal illi biex ma jerġax isir bħalma sar fil-passat hu tkellem mad-Dipartiment u ikkonfermawlu illi l-Perit jista jibqa responsabbli mill-ewwel fażi tal-bini anke jekk dan jinbidel, dan qed isir sabiex nevitaw li nagħmlu l-bidla tal-Perit fejn bħal ma ġara fil-passat tiġi tiswina ħafna flus u ħafna ħin moħli.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk il-Kunsill għandux time frame sa meta l-ewwel fażi tal-proġett ser titlesta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu għadu ma tkellimx dwar dan mal-Perit minħabba illi għad iridu joħorġu t-tenders, jiġu aġġudikati u tistenna jekk ikunx hemm xi appell u dawn jieħdu ftit żmien mhux ħażin qabel ma jibda l-proġett.

**68.3.2** **<u>Laqgħa ma' Joe Attard Green MT:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sur Joe Attard informana illi ser iħallasna tas-sena 2016 u ser jibda l-ġbir tal-borża l-griza ta' kull Nhar ta' Ġimgħa mit-2 ta' Marzu 2018.

- **<u>Il-Viċi Sindku s-Sinjura Desiree Attard daħlet għal laqgħa fis-18:18.</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ilu jinnota illi kull Nhar ta' Tlieta meta tinġabar il-borża l-griza, l-kuntrattur jiġbor il-borża s-sewda filgħodu pero l-griża qed tispiċċa tinġabar fit-3:00pm u qed ikun hawn mandra mat-toroq dan għaliex il-kolletturi jagħmlu l-boroz f'borġ u sakemm jgħaddu biex jiġbruhom qed jispiċċaw imxerdin ma kullimkien.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-borża s-sewda suppost tinġabar fit-8:00am u fil-parti ta' bella vista qed jgħaddi fis-7:15am jew fis-7:20am.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu diġa informa lill-kuntrattur dwar dan pero` lir-residenti aħna dejjem ninfurmawhom illi borża għandha tinħareġ fis-7:30am ta' filgħodu anke jekk il-kollettur normalment jgħaddi aktar tard kulħadd għandu jżomm l-istess ħin.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu daħal fis-sit tal-Wasteserv u Marsaskala tidher imniżżla illi bħala popolazzjoni hawn 11,000 ruħ, ammont żbaljat li qed jirrifletti ħażin meta tara l-ammont ta' skart li qed jinġabar mil-Lokalita'.

Kompla jgħid illi fuq is-sit jidher illi f'Marsaskala qed jinġabar ħafna skart fil-borża s-sewda u inqas fil-borża l-griża u l-ammonti ta' skart fil-borża s-sewda qed ilaħqu ma Lokalitasjiet li huma ħafna akbar minn dak ta' Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi f'Marsaskala m'hawnx *awareness* biżżejjed tas-separazzjoni tal-iskart u dan anke minħabba l-fatt illi hawn ħafna turisti fil-Lokal u din mhux qiegħda tgħin.

Is-Sindku qal illi ser tiżdied ġurnata oħra għall-iskart separat pero` hemm bżonn li nżidu l-awareness u issuġerixxa illi fil-magażin tal-Kunsill li jmiss għandu jsir artiklu dwar dan u bl-informazzjoni meħtieġa għar-residenti sabiex jirriċiklaw aktar. Dan l-artiklu għandu jkun bl-Ingliz u bil-Malti.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ħareġ mil-laqgħa fis-18:28.***

**68.3.3 Earth day clean up:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi ser issir Clean up f'Marsaskala flimkien mal-lokalitajiet l-oħra kollha ta' Malta bit-tema Earth day Clean up fil-bajja san Tumas u fl-iswimming zone ta' ħdejn il-bajja. Hu qal illi l-Kunsill ser jissupplixxi xi ingwanti boroż u skips lil persuni li ser ikunu qed jgħamlu din il-clean up u ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex min ikun jista jipparteċipa f'din l-attivita' li ser issir f'April.

Is-Sindku qal illi tajjeb nieħdu l-opportunita` li nistiednu l-grupp *Friends of Marsaskala*.

Iktar dettalji jingħataw aktar tard.

**68.3.4 Tiġdid tal-kuntratt tas-Sinjura Alexandra Mallia:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntratt tas-Sinjura Alexandra Mallia wasal biex jiskadi u staqsa l-Kunsill jekk jaqblux illi jiġġedded il-kuntratt.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jiġġedded il-Kuntratt tas-Sinjura Alexandra Mallia għal telett snin oħra.

**68.3.5 Douzelage BREXIT:**

Is-Sindku qal illi Douzelage hija mibnija fuq muniċipalitajiet minn kull pajjiż u Sherbourne hija l-muniċipalita li qed tirrappreżenta lill-Ingilterra u peress illi l-Ingilterra ser toħroġ mill-Unjoni Ewropeja, d-Douzelage qed jistaqsi lil kull muniċipalita' ma liema opinjoni jaqbel li nimxu fuq x'ser isir mill-muniċipalita ta' Sherbourne li dawn huma tilieta jew li joħorġu minn *full members*, li jibqgħu imma bħala membi onorarji u allura ma jkollhomx vot jew inkella jinbidel l-istatut.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi Sherbourne huma l-fundaturi tad-Douzelage.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill jaqbel li Sherboune jibqgħu membri onorarji u ma jkollhomx casting rights, minkejja dan kollu din xorta trid tiġi diskussa fil-laqgħa annwali tad-Douzelage.

**68.5.1 Aġġudikazzjoni tat-tender works for the upgrading of playingfield at Zonqor Point Marsaskala:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għaliex fir-rapport mhux mniżżlin l-offerenti u l-ammonti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan minħabba li dak ir-rapport joħroġ fl-opening report, liema rapport ser jiġi mehmu# ukoll mal-evoluation report.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi waqt laqgħa tal-bord meta nfettħu l-offerti kien hemm offerent li tefa żewġ offerti u kellna nikkjarifikaw mad-Dipartiment jekk dan setax isir u staqsa jekk d-Dipartiment taniex risposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-Dipartiment infurmana li dan jista jsir minħabba li kien hemm stipolat hekk fl-ispeċifikazzjonijiet..

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mill-evalwazzjoni li għamel il-bord kien hemm żewġ offerti li huma eliġibli għal din l-offerta li huma ta' l-istess offerent pero` żewġ offerti separati.

Il-Bord irrakomda li tingħazel l-orħos offerta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba l-insurance il-Kunsill tajjeb illi jkollu żewġ ħaddiema li jduru l-ġonna darba fil-ġimgħa u jassiguraw li kollox qiegħed kif suppost.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jissuġerixxi illi espert fl-inġinerija jiġi jiltaqa ma dawn iż-żewġ ħaddiema u jtihom it-taħriġ li hemm bżonn sabiex ikunu jistgħu jagħmlu xogħlhom aħjar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-pass li jmiss huwa li nibgħatu l-ittri lill-offerenti kollha u ngħatu 10 tijiem perjodu għall-appell.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu importanti ħafna li l-kuntrattur magħżul jimxi mall-kundizzjonijiet kollha mniżżla fil-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jrid isir *memorandum of understanding* propju għalhekk.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-offerta magħżula mil-bord huwa Offer ID 79159 Road maintenance services bl-ammont ta' €156331.59.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lill-Road Maintenance Services.

**68.7 <u>Korrispondenza:</u>**

**68.7.1 <u>Earth Clean up 2018.</u>**

Dan is-suġġet diġa ġie diskuss f'punt numru 68.3.3.

**68.7.2 <u>Korrispondenza mingħand is-Sur Anthony Camilleri rigward it-tielet inċident tan-nar f'inqas minn 12-il xahar fl-impjant ta' Sant'Antnin (35/0276/18/I):</u>**

Is-Sindku qal illi l-Kunsill m'għandux x'jaqsam ma l-impjant u is-Sur Camilleri għandu jilmenta mal-Wasteserv.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill għandu persuna li tirrapreżentah fil-bord u ma jafx għaliex dan il-kumitat m'għadux jiltaqa'.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi bħala safety issues kulħadd jaqbel li mhuwiex sigur pero dan ir-resident qed jitlob lill-Kunsill sabiex nwaqqfu u nagħlqu l-impjant qabel iz-zmien imsemmi mil-Gervn Ċentrali xi ħaġa li l-Kunsill m'għandux kontroll fuqha u din taqa` taħt il-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jaqbel mall-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt pero dan ir-resident qed jitkellem fuq il-periklu li hemm aktar minn qabel f'dan l-impjant u l-Kunsill għandu jinsisiti sabiex il-kumitat jerġa jibda jiltaqa`.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud reġgħa daħal għal laqgħa fis-19:00.***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-iskart li qabad jinsab fil-bitħa ta' barra tal-wasteserv flimkien ma ħġieġ imkisser li qed itir mar-riħ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'Malta hawn problema bl-iskart għaliex anke jekk tmur fic-Civic Amenity sites tinnota l-ammont kbir ta' skart mormi hemm.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill jinsisti sabiex jerġa jibda jiltaqa l-bord mmexxi mil-PA.

**68.7.3** **Korrispondenza mingħand is-Sur Alfred Fino rigward is-servizz tat-Trasport Pubbliku (35/0368/18/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan ir-resident qed jipproponi li terġa tinbidel ir-rotta tal-karozza tal-linja f'Bella Vista.

Ma kienx hemm qbil dwar dan.

**68.7.4** **Risposta mingħand il-Lands dwar l-art ta' faċċata tal-Knisja parrokjali (35/0345/18/I):**

Is-Sindku qal illi rċivejna mingħand il-Lands department illi l-area ta' quddiem il-knisja hija tal-lands pero l-proġett propost mhuwiex ser isir. L-unika parti fejn għandhom titlu l-Għaqda Baħħara u Sajjieda hija l-kamra biss.

**68.7.5** **Minuti tal-laqgħa annwali għas-sena 2017.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tal-laqgħa annwali lill-Kunsilliera.

**68.7.6** **Ħatra tal-bord ta' evalwazzjoni skond il-Procurement Guidlines 2017 maħruġa mid-DLG:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi għal dan il-bord ġew maħtura c-Chair person li ser ikun is-Sindku s-Sur Mario Calleja, is-Segretarju li ser ikun hu , l-accountant li ser tkun is-Sinjura Doreen Calleja l-Avukat li ser ikun mill-uffiċju tal-avukat tal-Kunsill u t-tielet evalwatur ikun jew is-Sur Chris Schembri jew il-Perit is-Sinjura Kylie Borg Marks.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi suppost ikun hemm membru mill-pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mhuwiex imniżżel pero l-Kunsill xorta ser ikollu lis-Sur Joe Mercieca sabiex jippreżenta lill-pubbliku.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**68.7.7** **Permessi ta' hi ups f'Marsaskala:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-permessi bi ħlas tal-hi ups għandhom jerġgħu jibdew isiru minħabba l-fatt illi meta l-hi up jiftaħ is-saqajn ikun qed jieħu aktar minn parking space u allura ta' ostaklu għal-vetturi.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

68.5 **Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena finanzjarja 2017:**

L-Accountant is-Sinjura Doreen Calleja spjegat il-financial statements għas-sena finanzjarja 2017.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-financial statements u l-Viċi Sindku is-Sinjura Desiree' Attard issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

68.8 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**68.8.1** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta quddiem il-Kunsill ħlas li daħal tard:

tas- bl-ammont Public con

| Name | Invoice Number | Amount | Works |
|---|---|---|---|
| Annalise Farrugia | 1-18af | €2059.59 | Public convenience 13th January 2018 to 12th February 2018 |

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

68.9 ***Mozzjonijiet***

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

68.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 15 ta' Marzu 2018 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 15 ta' Frar 2018.

IFFIRMATA

______________

**Josef Grech**
Segretarju Ezekuttiv

IFFIRMATA

______________

**Mario Calleja**
Sindku